RABAT

*KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa A 21**
**Il-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija ltaqa' nhar**
**It-Tlieta 31 ta' Lulju 2012 fis-6.00 p.m.**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

Data u ħin

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Ċerpersin |
| Is-Sur Paul Galea | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sur Anglu Portelli | Membru |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur George Attard | Membru |

**Skuzata:**

| | |
|---|---|
| Is-Sna. Joan Ann Farrugia Galea | Membru |

Il-laqgħa bdiet fis-6.30 p.m.

**1.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A19**

1.01 Ic-Cerpersin, is-Sur Paul Grech ippropona li l-minuti tas-seduta A19 tal-Kumitat Amministrattiv ta' tal-Baħrija jittieħdu bħala moqrija. Issekonda din il-proposta s-Sur Paul Galea.

Qari u approvazzjoni tal-Minuti A19

**2.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A20**

2.01 Iċ-Ċerpersin, is-Sur Paul Grech ippropona li l-minuti tas-seduta A20 tal-Kumitat Amministrattiv ta' tal-Baħrija jittieħdu bħala moqrija. Issekonda din il-proposta s-Sur Paul Galea.

Qari u approvazzjoni tal-Minuti A20

**3.00 Korrezzjonijiet tal-Minuti A19**

3.01 Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

Korrezzjonijiet tal-Minuti A19



KUNSILL LOKALI RABAT
8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

**4.00 Korrezzjonijiet tal-Minuti A20**

4.01 Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni. — Korrezzjonijiet tal-Minuti A20

**5.00 Punti li joħorġu mill-Minuti A19**

5.01 Ma kien hemm l-ebda punt maħruġ mill-Minuti A19. — Punti li joħorġu mill-Minuti A19

**6.00 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li t-Transport Malta talbuna nindikawlhom liema huma dawk it-toroq li qatt ma ġew asfaltati. Dawn iridu jkunu 75% toroq residenzjali. — Toroq li qatt ma ġew asfaltati

Ġie deċiż li nindikawlhom parti minn Triq in-Namura (il-parti li għad trid tiġi asfaltata), Triq ir-Rummien, Triq il-Mantell u Triq il-Gojjin.

**7.00 Komunikazzjoni mill-membri**

7.01 Is-Sur Paul Galea ġibed l-attenzjoni li hemm ħofra fin-niżla tal-Fiddien. Din tinsab maġenb il-gandott tal-ilma tax-xita li jinsab fil-ġenb tat-triq. — Ħofra perikoluża fin-niżla tal-Fiddien

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet ser tibgħat lill-ħaddiema tal-IPSL sabiex jimlewha bil-*cold asphalt*.

7.02 Is-Sur Anġlu Portelli talab li jsir il-*patching* fi Triq il-Ġnien tan-Nigra. — *Patching* fi Triq il-Ġnien tan-Nigra

7.03 Is-Sur Paul Galea talab li jsir il-*patching* fi Triq iċ-Ċens l-Iswed hdejn l-*istage* 'Bajdar'. — *Patching* fi Triq iċ-Ċens l-Iswed

7.04 Is-Sur Anġlu Portelli informa l-laqgħa li l-fossa reġgħet faret. Din damet tfur erbgħa u għoxrin siegħa nhar il-Ħadd 29 ta' Lulju 2012. Hu ċempel lill-Inġinier il-Ħadd stess u l-Inġinier infurmah li kien ser jibgħat il-kuntrattur. B'dispjaċir qal li l-kuntrattur ma marx ibattalha l-Ħadd, iżda mar it-Tnejn fis-6.00 ta' filgħodu. — Il-fossa.

Is-Sur Paul Grech informah li hu kien tkellem dwar dan il-każ mal-Inġinier tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. L-Inġinier infurmah li l-kuntrattur kien ser jinbidel.

Ġie deċiż li għandna niktbu lill-Inġinier sabiex jagħtina r-raġuni għalfejn din il-fossa ma tbattlitx il-Ħadd stess.

**8.00** **Approvazzjoni tal-istemma**

8.01 Is-Segretarju Eżekuttiv tellgħat għall-approvazzjoni l-istemma tal-Kumitat Amministrattiv. L-uniku tibdil li kien sarilha mill-espert imqabbad mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, is-Sur Adrian Strickland kienet burdura bil-kaxxi li l-iskop tagħha huwa li jindika d-differenza bejn il-Kunsilli Lokali u l-Kumitati Amministrattivi. Din l-istemma ġiet approvata. Approvazzjoni tal-istemma

**9.00** **Aġġornament**

9.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar it-13 ta' Settembru 2012 fis-6.00 p.m. Aġġornament

9.02 Il-laqgha ntemmet fis-7.30 p.m.

Paul Grech
**Paul Grech**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**